DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/134

tal-21 ta' Jannar 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IX għal dak il-Ftehim, li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …

ta'…

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ([1]), kif ikkoreġut mill-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 8, irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 16b (id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 31ba (id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32014 R 0909**: ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 8."

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt 29f (ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat bi:

— **32014 R 0909**: ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 8."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bea (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2014):

"31bf. **32014 R 0909**: ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1), kif ikkoreġut mill-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 8.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat(i) Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Ir-referenzi għal "membri tas-SEBĊ" jew għal "banek ċentrali" għandha tinftiehem li tinkludi, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.

(c) Il-Liechtenstein jista' jħalli lil CSDs ta' pajjiż terz li diġà jipprovdu servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein, ikomplu jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) għal perjodu li ma jaqbiżx ħames (5) snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni].

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1.

(d) Fl-Artikolu 1(3), il-kliem "tad-dritt tal-Unjoni" huma sostitwiti bil-kliem "tal-Ftehim taż-ŻEE".

(e) Fl-Artikolu 12(3), il-kliem "il-muniti tal-Unjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-muniti uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE".

(f) fl-Artikolu 13 u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(1), il-kliem ", l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kliem "l-awtoritajiet rilevanti";

(g) Fl-Artikoli 19(3), 33(3), 49(4), 52(2) u 53(3), il-kliem "ESMA, li" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "ESMA. ESMA jew, skont il-każ, Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(h) Fl-Artikolu 24(5):

(i) fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, il-kliem "u, f'każijiet li jikkonċernaw l-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "ESMA";

(ii) fit-tielet subparagrafu, il-kliem "ESMA, li" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "ESMA. ESMA jew, kif ikun il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(i) Fl-Artikolu 34(8), il-kliem "tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "tar-regoli dwar il-kompetizzjoni applikabbli skont il-Ftehim ŻEE".

(j) Fl-Artikolu 38(5), il-kliem, "fis-17 ta' Settembru 2014" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]".

(k) Fl-Artikoli 49(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sat-18 ta' Diċembru 2014" għandu jsir "fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(l) Fl-Artikolu 55:

(i) fil-paragrafi 5 u 6, il-kliem "liġi tal-Unjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Ftehim taż-ŻEE".

(ii) fil-paragrafu 6, il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "ESMA".

(m) Fl-Artikoli 58(3) u 69(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sas-16 ta' Diċembru 2014" għandu jsir "fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'… [din id-deċiżjoni]";

(n) Fl-Artikoli 61(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "sat-18 ta' Settembru 2016" għandu jsir "fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru…/… ta'... [din id-deċiżjoni]".

(o) Fl-Artikolu 69(2) u (5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "fiż-ŻEE" għandu jiddaħħal wara l-kliem "tad-dħul fis-seħħ".

(p) Fl-Artikolu 76, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafi 4, 5 u 6, il-kliem "tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tkun tinkludi" għandu jiddaħħal wara l-kliem "dħul fis-seħħ";

(ii) fil-paragrafu 5, il-kliem "sat-13 ta' Ġunju 2017" huwa sostitwit bil-kliem "fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkludi d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014";

(iii) fil-paragrafu 7, il-kliem "it-3 ta' Jannar 2017" għandu jsir "dawn l-atti japplikaw fiż-ŻEE"."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, kif ikkoreġuti mill-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 8, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE (*).

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE